MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Numru. 634/2003

**Il-Pulizija**

**(Supt. Alexandra Mamo)**

**vs.**

**Mark Randon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mark Randon ta’ 34 sena, bin Mario u Christine nee’ Diacono, imwieled San Giljan fis-17 ta’ Gunju, 1969 u residenti 132, Triq il-Wied, Birkirkara, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 232969M

Akkuzat talli f'Tas-Sliema u f'diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fit-12 ta' Gunju, 2002 u fit-22 ta' Lulju, 2002, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cheque tal-Bank of Valletta li jappartjenu lil Travelex Financial Services Malta Limited, mahrug lil S. Farrugia (datat 12th June, 2002), billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Kif ukoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe' firma ta' Saviour Farrugia fuq cheque tal-Bank of Valletta, akkont ta' Travelex Financial Services Limited datat 12 ta' Gunju, 2002, illi meta jigi pprezentat, wiehed jista' jircievi bih hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli xjentement ghamel uzu minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' Saviour Farrugia, Travelex Financial Services Malta Limited u diversi persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Xjentement laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwista b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuni ohra, is-somma ta' Lm25,000 jew aktar, liema somma kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu u dan bi ksur tal-artikoli 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil Mark Randon ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 8 ta' Lulju, 2004 (esebita a fol. 257) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 334, 293, 294 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tas-27 ta' Gunju, 2007 l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-*parte civile* Saviour Farrugia u tal-imputat.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Qabel telenka l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, il-Qorti tixtieq tirrileva illi fic-citazzjoni *de quo*, l-imputazzjonijiet allegatament graw *"fit-12 ta' Gunju 2002 u fit-22 ta' Lulju 2002"* u l-kompitu ta' din il-Qorti hu li tiddeciedi jekk l-imputazzjonijiet gewx ipprovduti mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali. Ghalhekk, il-Qorti se tikkoncentra fuq il-fatti li jistghu jitfghu dawl x'gara f'dawn iz-zewg granet biss. Fatti ohra, li ma humiex relevanti ghal fini li jigi determinat x'gara

f'dawn iz-zewg granet imsemmija, se jigu injorati minn din il-Qorti ghaliex mhux relevanti ghall-fini ta' dawn il-proceduri.

Il-fatti saljenti ghal fini ta' dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-1999, l-imputat kellu l-kumpanija Shields Services Limited li kienet *inter alia* tati servizz ta' konsulenza u investimenti finanzjarji taht licenzja mill-awtorita' kompetenti.
2. Fl-1999 u fix-xhur ta' wara, il-*parte civile* Saviour Farrugia investa ammonti sostanzjali fuq parir tal-imputat ma' *inter alia* Scottish Mutual International plc, socjeta' Irlandiza. F'Marzu 2002, Saviour Farrugia biddel t-tip ta' investimenti li kellu u fl-10 ta' Marzu 2002, gie investit l-ammont ma' din is-socjeta l-ammont ta' £162, 308[1] ghal hames (5) snin.
3. F'Marzu 2002, in-neputi ta' Farrugia, Joseph Mifsud, ukoll thajjar jinvesti fl-istess investiment, u investa Lm22,767[2] li gew ekwivalenti ghal £37,150 fi Scottish Mutual.[3]
4. Farrugia u Mifsud xehedu li meta l-imghax li kellhom jircievu f'Gunju ma wasalx, cemplu lis-socjeta Scottish Manual, u gie infurmat li *"dak il-policy numbers ma jezistix"*[4] Ghaldaqstant, Farrugia u Mifsud xehdu li qalu b'dan lill-imputat u qalulu li riedu flushom lura.
5. Min-naha l-ohra l-imputat xehed li fis-sena 2002, Farrugia kien iddecieda li jillikwida l-ammont li kellu ma Scottish Mutual, li kien ta' xi £93,000, kien se jerga' jinvesti LM25,000 u jiehu lura l-bilanc.[5]
6. Fi kwalunkwe kaz jirrizulta li ghal xi raguni, fis-18 ta' April 2002 Scottish Mutual kienet baghtet cekk favur Saviour Farrugia ta' £93,943.09. Dan ic-cekk intbaghat lill-imputat.[6]
7. F'Mejju tal-2002, l-imputat ghadda dan ic-cekk, allegatament iffirmat minn Saviour Farrugia lil Brian Mifsud, managing director ta' Travelex Financial Services Limited,[7] sabiex isarrfu. Il-Qorti qed tghid li dan ic-cekk kien allegatament iffirmat minn Saviour Farrugia, ghax l-espert kalligarafu Joseph Gaffiero ikkonkluda, minn fuq fotokopja tac-cekk – ghax l-original lahaq gie distrutt mill-bank – li l-firma fuq dan ic-cekk ma kienitx ta' Saviour Farrugia.[8]
8. Skont ix-xhieda ta' Brian Mifsud,[9] ic-cekk issarraf barra minn Malta, u ghalhekk Travelex Financial Services Limited, f'Gunju, fuq talba tal-istess imputat harget zewg cekkijiet fuq Saviour Farrugia, migbudin fuq Bank of Valletta p.l.c.: cekk 13674 fl-ammont ta' Lm25,000

[1] Ara fol. 84-85 tal-process ezebit bhal Dok BZ 12.
[2] Ara xhieda ta' Joseph Mifsud a fol. 161 tal-process u Dok JM1 a fol 167.
[3] Ara Dok, JM3 a fol. 169 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Saviour Farrugia a fol. 63 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-imputat a fol. 275 tal-process.
[6] Ara fol. 24 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Brian Micallef, managing director ta' Travelex Financial Services Ltd.
[8] Ara rapport ta' Joseph Gaffiero a fol. 250 tal-process, ezebit bhala Dok JGR.
[9] Ara fol. 45 tal-process.

u cekk 13675 fl-ammont ta' Lm34,589.65. Ghal xi raguni li ma tirrizultax mill-atti, ghalkemm ic-cekkijiet igibu numri konsekuttivi, ic-cekk ta' Lm25,000 igib id-data 12 ta' Gunju 2002, fil-waqt li dak ta' Lm34,589.65 igib id-data 17 ta' Gunju 2002.[10] Dawn iz-zewg cekkijiet inghataw lill-imputat.[11]

9. Fit-22 ta' Gunju 2002, l-imputat ha c-cekk ta' Lm25,000, allegatament iffirmat fuq wara minn Saviour Farrugia, u iddepozitah il-Lombard Bank Malta Ltd. go kont li kien jappartjeni lill-istess imputat.[12]
10. Fir-rapport tieghu, l-espert kalligrafu Joseph Gaffiero, ikkonkluda li l-firma ta' Saviour Farrugia fuq wara ta' dan ic-cekk ta' Lm25,000 kienet falza.[13]
11. Kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu, ghalkemm l-imputat ma ammettiex li ffalsifika l-firma fuq dan ic-cekk, huwa jammetti li uza dawn il-LM25,000 biex ihallas debiti ohra li kellu, sabiex jipprova ma jitlifx il-licenjza tal-investiment li kellu.[14]
12. Rigward ic-cekk l-iehor ta' Lm34,589.65, l-imputat tah lil Saviour Farrugia meta ltaqa' mieghu u ma' neputih Joseph Mifsud quddiem il-Bank of Valletta, fejn il-Preluna Hotel,[15] u gie imsarraf bil-firma ta' Saviour Farrugia, li l-espert kalligrafu Joseph Gaffiero, ikkonferma li hija veritiera.[16] Dan ic-cekk issarraf fl-10 ta' Awwissu 2002.
13. Pero dan l-ammont ta' Lm34,589.65, gie maqsum fi tnejn. Inhareg cekk ta' Lm23,307 li inghata lil Joseph Mifsud mill-imputat ghas-saldu tal-flus li kien qed jippretendi minghand l-imputat. Il-bilanc ta' Lm11,282.65 inghata lil Saviour Farrugia.[17]
14. Sussegwentement, l-imputat ghamel diversi pagamenti lil Saviour Farrugia. L-imputat jammetti li ghad fadallu jaghti lil Saviour Farrugia Lm25,000, li immissaproprja. Pero Saviour Farrugia qed jippretendi l-imputat ghandu jtih is-somma ta' Lm64,000, l-ammont li investa mal-imputat u li ghadu ma giex ritornat lilu.[18] Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li d-differenza bejn dawn iz-zewg ammonti, jirrapprezenta telf li Saviour Farrugia ghamel fis-suq minn investiment iehor li kellu, minhabba caqlieq fis-suq finanzjarju, li ghalih ma jahtix l-imputat, u jrid li l-imputat jaghmel tajjeb ghal dan it-telf.[19]
15. Il-licenzja tal-investiment li kellu l-imputat giet revokata,[20] u s-socjeta tieghu falliet.[21]

---

[10] Ara fol. 123 tal-process.
[11] Ara xhieda ta' Brian Mifsud a fol. 48 tal-process.
[12] Ara xhieda ta' Mark Lauri a fol 137 *et seq.* tal-process.
[13] Ara rapport tal-espert Joseph Gaffiero a fol. 118 tal-process, ezebit bhala Dok. GJ
[14] Ara xhieda tal-imputat a fol. 283 tal-process.
[15] Ara xhieda ta' Saviour Farrugia a fol. 71 tal-process.
[16] Ara rapport tal-espert Joseph Gaffiero a fol. 118 tal-process, ezebit bhala Dok. GJ.
[17] Ara xhieda ta' Saviour Farrugia a fol. 71, ta' Joseph Mifsud a fol. 163, u l-ircevuti ezebiti bahla Dok JM4 u JM5 a fol. 170 u 171 tal-process.
[18] Ara xhieda ta' Saviour Farrugia a fol. 73 tal-process.
[19] Ara xhieda tal-imputat a fol. 278 tal-process.
[20] Ara xhieda tal-imputat a fol. 278.
[21] Ara xhieda tal-imputat a fol. 280 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti dwar il-Htija**

*Il-Validita ta' dawn il-Proceduri*

Qabel ma dina l-Qorti sejra tanalizza l-imputazzjonijiet, din il-Qorti se tikkonsidra l-ahhar sottomissjoni fin-nota ta' osservazzjonijiet tad-difiza, dwar il-validita ta' dawn il-proceduri. Kif sewwa irreleva l-imputat, dan il-process kien miexi fil-forma tal-kumpilazzjoni. Pero skont *"meta l-Qorti ordnat li l-process jmur ghand l-Avukat Generali fl-4 ta' Gunju 2004 (folio 134), dan ma marx. Minn hemm il-quddiem il-process mexa bil-forma sommarja u dan igib mieghu n-nullita tal-proceduri."*

Fil-fatt, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014 (folio 130 u mhux 134), il-Qorti ordnat li l-process jintbaghat ghand l-Avukat Generali. Fit-8 ta' Lulju 2004, l-Avukat Generali baghat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju lil din il-Qorti. (folio 257). Fil-fatt, fis-seduta sussegwenti, cioe dik tal-21 ta' Lulju 2004 (folio 134) ma sar xejn, u din il-Qorti iddifferiet il-kawza sabiex *"jinqraw l-Artikoli hekk kif mibghuta mill-Avukat Generali."* Li gara kien, li minkejja li l-Avukat Generali baghat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju fit-8 ta' Lulju 2004, il-prosekuzzjoni u l-*parte civile* baqghu jipproducu l-provi sas-seduta tas-7 ta' Marzu 2007 meta iddikjaraw li ghalqu l-provi,[22] u l-artikoli effettivament inqaraw fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2007.[23]

Wara li l-Avukat Generali baghat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju fit-8 ta' Lulju 2004, ma kien hemm ebda htiega legali li l-atti jergghu jintbaghtu lura lill-Avukat Generali, u ghalhekk, il-Qorti kienet korretta li kompliet tmexxi dawn il-proceduri bil-procedura sommarja.

Fid-dawl tas-suespost, ma hemm l-ebda nullita fl-andament ta' dawn il-proceduri, u din is-sottomissjoni qed tigi michuda.

---

[22] Ara fol. 258 tal-process.
[23] Ara fol. 262 tal-process.

*L-Ewwel Imputazzjoni*

L-ewwel imputazzjoni hija li fit-12 ta' Gunju 2002 u fit-22 ta' Lulju 2002 l-imputat iffalsifika firma fuq cheque tal-Bank of Valletta li jappartjeni lil Travelex Financial Services Malta Limited mahrug lil Saviour Farrugia u datat 12 ta' Gunju 2012, bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li din l-imputazzjoni hija limitata fuq ic-cheque mahrug minn Travelex Financial Services Malta Limited favur Saviour Farrugia, u ma titkellimx fuq ic-cheque li Scottish Mutual harget favur l-istess Saviour Farrugia fit-18 ta' April 2002 fl-ammont ta' £93, 943.09. Konsegwentement, huwa irrelevanti ghal fini ta' dawn il-proceduri jekk il-firma ta' Saviour Farrugia fuq ic-cheque li harget Scottish Mutual hijiex wahda falza jew le, ghax l-imputat m'huwiex akkuzat b'firma falza fuq dan ic-cheque.

Fir-rigward tac-cheque mahrug minn Travelex Financial Services Malta Limited fit-12 ta' Gunju 2002 fl-ammont ta' Lm25,000, kif diga intqal iktar il-fuq, l-espert kalligrafu Joseph Gaffiero ikkonkluda li l-firma ta' Saviour Farrugia fuq dan ic-cheque hija falza.

Pero, mill-atti ma tirrizultax il-prova li l-firma falza saret fit-12 ta' Gunju 2002 jew fit-22 ta' Gunju 2002, u iktar u iktar ma hemm l-ebda prova li din il-firma falza saret mill-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn din l-ewwel imputazzjoni.

*It-Tieni Imputazzjoni*

It-tieni imputazzjoni hija li l-imputat ghamel uzu mill-istess cheque falz.

L-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni."* Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ghall-fini tar-reat fl-Artikolu 184, ma hux necessarju li min jaghmel uzu minn att falz, ikun ukoll l-awtur tal-istess falsifikazzjoni. L-importanti hu, li min jaghmel uzu minn tali att falz, ikollu ix-xjenza, li l-att ikun falz.

Ghalkemm ma hemmx prova li l-imputat iffalsifika l-firma ta' Saviour Farrugia fuq ic-cheque in kwistjoni, mill-provi jirrizulta li fit-22 ta' Lulju 2002, l-imputat iddepozita dan ic-cheque f'kont tieghu (i.e. tal-istess imputat) mal-Lombard Bank – u ghalhekk ghamel uzu minn dan ic-cheque b'firma falsifikata. Issa dan ic-cheque kien inghata lill-imputat minn Travelex Financial Services Limited fit-12 ta' Lulju 2002 (id-data tac-cheque) jew f'xi data sussegwenti, u mill-provi jirrizulta li dan ic-cheque baqa' l-hin kollu fil-pussess tal-imputat.

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat – li kellu ic-cheque *de quo* il-hin kollu fil-pussess tieghu – kien jaf x'gara minn dan ic-cekk, u senjatament li hu ma kienx tah lil Saviour Farrugia ghal xi hin. Ghalhekk, meta l-imputat mar jiddepozita dan ic-cheque l-Bank, kien jaf ben tajjeb, li l-firma ta' Saviour Farrugia fuq dan ic-cheque kienet giet falsifikata.

Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' din it-tieni imputazzjoni.

*It-Tielet u r-Raba' Imputazzjonijiet*

Dawn l-imputazzjonijiet jikkoncernaw il-falsifikazzjoni u l-uzu ta' dokumenti foloz imsemmija fl-Artikoli 167 u 169 tal-Kodici Kriminali.

L-Artikolu 167(1) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi: *"Kull min jiffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta'*

*oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha."*

Ic-cheque mahrug mis-socjeta' Travelex m'hux wiehed mid-dokumenti imsemmija f'dan l-Artikolu, ghax bhala dokument mahrug minn bank privat huwa kopert bl-Artikolu 183 – li fil-fatt hija l-ewwel imputazzjoni.

Dan ghaliex l-ewwelnett, l-Artikolu 167 u l-Artikolu 183 jaqghu taht zewg sub-titoli differenti. L-Artikolu 167 jaqa' "Fuq Falsifikazzjoni ta' karta ta' timbri u ta' sigilli", fil-waqt li l-Artikolu 183 taht "Fuq il-Falsifikazzjoni ta' skritturi ohra pubblici privati."

Jidher li taht l-ewwel sub-titolu jidhlu dokumenti tal-Gvern. Bizzejjed tara dak li hemm fil-margini ta' kull artikolu – Falsifikazzjoni ta' Obbligazzjonijiet tal-Gvern; Uzu ta' Obbligazzjonijiet tal-Gvern; Falsfikazzjoni ta' atti tal-Gvern gudizzjarji jew ufficcjali; ta' sigil pubbliku ta' Malta; ta' sigilli, timbri jew marki ohra tal-Gvern, frankobolli falsifikati ecc.

Fl-Artikolu 167 imbaghad, il-kliem operattivi huma: *"minn ufficcju pubbliku" u "bank jew stabbiliment pubbliku iehor, imwaaqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern".* Dan tal-ahhar ikun bhal Bank Centrali.

Invece, l-Artikolu 183 jirreferi ghal falsifikazzjoni fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat – bhalma huwa l-kaz *de quo*.

Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tillibera lill-imputat mit-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.

*Il-Hames Imputazzjoni*

Il-hames imputazzjoni hija ta’ frodi bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali.

Saviour Farrugia u Joseph Mifsud xehdu li meta cemplu lil Scottish Mutual direttament sabiex isaqsuhom dwar l-investimenti li l-imputat kellu jaghmlilhom ma’ din is-socjeta, huma gew maghrfa li policies b’dawn in-numri ma kienux jezistu.

Pero din ix-xhieda biss, minghajr il-komfort ta’ provi ohra oggettivi, specjalment dawk provenjenti minghand is-socjeta Scottish Mutual innifisha, certament li ma wassalx sal-grad tal-prova rikjest fil-kamp kriminali sabiex ikun jista’ jinghad li l-imputat qarraq b’dawn iz-zewg min-nies. Inoltre, Salvatore Farrugia irrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu sabiex is-socjetajiet Scottish Mutual u Invesco Perpetual jaghtu l-informazzjoni dwar l-investimenti li Saviour Farrugia kellu maghhom.[24]

Mid-dokumenti ezebiti minn Saviour Farrugia jirrizulta li fl-10 ta’ Marzu 2002, gie investit mas-socjeta Scottish Mutual l-ammont ta’ £162, 308[25] ghal hames (5) snin. Min-naha l-ohra, mid-dokumenti ezebiti min-neputi ta’ Farrugia, Joseph Mifsud, jirrizulta li f’Marzu 2002 dan ukoll investa Lm22,767[26] li gew ekwivalenti ghal £37,150 fi Scottish Mutual.[27]

Inoltre, jirrizulta minghajr dubbju li l-imputat kien investa ammont ta’ flus ta’ Saviour Farrugia mas-socjeta Scottish Mutual, tant li fit-18 ta’ April 2002, din is-socjeta li Scottish Mutual harget favur l-istess Saviour Farrugia cheque fl-ammont ta’ £93,943.09.

In oltre zgur li ma jirrizultax li l-imputat ikkommetta xi frodi fil-granet li fihom l-imputazzjoni tinsab arginata.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata, u l-imputat se jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

[24] Ara rikors tal-imputat a fol. 311 tal-process u risposta ta’ Salvatore Farrugia a fol. 319 tal-process.
[25] Ara fol. 84-85 tal-process ezebit bhal Dok BZ 12.
[26] Ara xhieda ta’ Joseph Mifsud a fol. 161 tal-process u Dok JM1 a fol 167.
[27] Ara Dok, JM3 a fol. 169 tal-process.

*Is-Sitt Imputazzjoni*

Din l-imputazzjoni hija dwar ricettazzjoni.

Din l-imputazzjoni ma tirrizulta minn imkien, wisq inqas li sehhet fil-granet li fihom l-imputazzjoni tinsab arginata.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

*Is-Seba' Imputazzjoni*

Din l-imputazzjoni hija dwar misappropjazzjoni fl-ammont ta' Lm25,000, jew aktar, bl-aggravanti li l-flus inghataw lill-imputat minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu.

Ir-reat ta' misappropjazzjoni ta' Lm25,000, bl-aggravanti imsemmija, li sehh fit-22 ta' Lulju 2002, jirrizulta kemm mill-provi, kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat u mid-deposizzjoni tieghu.

Pero mill-provi ma jirrizultax sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-imputat ikkommetta misapproprjazzjoni f'ammont akbar minn Lm25,000.

Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' misapproprjazzjoni fl-ammont ta' Lm25,000, bl-aggravanti imsemmija.

*L-Imputazzjoni ta' Reat kontinwat*

L-imputat gie ukoll akkuzat li kkommetta reat kontinwat bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Pero, din l-imputazzjoni ma tirrizulta bl-ebda mod mill-provi, u ghalhekk, l-imputat ser jigi liberat minnha

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-pulizija, u li fl-istqarrija tieghu mill-ewwel ammetta kien ikkommetta misapproprjazzjoni ta' Lm25,000.

Mill-provi jirrizulta, li anki qabel inbdew dawn il-proceduri, l-imputat ried irodd lura dawn il-Lm25,000 lil Saviour Farrugia, izda dan irrifjuta ghaliex huwa qieghed jippretendi li l-imputat ghandu jtih somma ikbar.[28]

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li l-fedina penali tal-imputat, anki dik aggiornata hija netta. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva mhix wahda idonea.

**Konkluzjoni**

[28] Ara xhieda ta' Saviour Farrugia a fol. 265 *et seq.* tal-process.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 18, 183, 167, 169, 308, 309, 310 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed tilliberah minnhom, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 184, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward biss tac-cheque mahrug mis-socjeta Travelex Financial Services Limited fit-12 ta' Gunju 2002, fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000), ekwivalenti ghal tmienja u hamsin, mitejn u erbgha u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€58234.33).

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u erbgha u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€58234.33), ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) lill-parti offiza, Saviour Farrugia, fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti s-somma misapproprjata mill-hati.

Ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ihallas l-ammont ta' disghin Euro u disa' u tmenin centezmu (€90.98), ekwivalenti ghal disa' u tletin Lira Maltija (Lm39.00), rapprezentanti l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-espert kalligrafu, ghall-ewwel relazzjoni tieghu rigward ic-cheque ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) fuq imsemmi, liema relazzjoni giet ezebita bhala Dok GJ fit-13 ta' April 2004, u tinsab a fol. 118 tal-process. Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dawn l-ispejjez jew parti minnhom fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------